VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,929, 12 ta' Ġunju, 2012
Taqsima B

A.L. 208 tal-2012

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni tal-2012 dwar Skambju ta' Informazzjoni (Materja ta' Taxxa) (Ġibiltà)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2012 dwar Skambju ta' Informazzjoni (Materja ta' Taxxa) (Ġibiltà).

Arranġamenti jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat:

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-iSkeda li tinsab ma' dan l-Ordni saru mal-Gvern ta' Ġibiltà bl-iskop ta' prevenzjoni ta' evażjoni fiskali dwar taxxi ta' kull xorta u deskrizzjoni imposti bil-liġijiet ta' Ġibiltà;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett;

(ċ) illi l-Ftehim beda jseħħ fl-1 ta' April 2012.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA

(Artikolu 2)

FTEHIM

BEJN

IL-GVERN TA' MALTA

U L-GVERN TA' ĠIBILTÀ

GĦALL-ISKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

DWAR

MATERJA TA' TAXXA

BILLI l-Gvern ta' Malta u l-Gvern ta' Ġibiltà ("il-Partijiet") jirrikonoxxu illi l-leġislazzjoni preżenti diġà tipprovdi għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni f'materji ta' taxxa kriminali;

BILLI l-Partijiet ilhom żmien twil attivi fi sforzi internazzjonali fil-ġlieda kontra reati finanzjarji u ta' xort'oħra, inkluż li jitqiegħed fil-mira l-iffinanzjar tat-terroriżmu;

BILLI huwa rikonoxxut li Ġibiltà taħt il-pattijiet tal-Affidament tagħha mir-Renju Unit għandha d-dritt tinnegozja, tikkonkludi, twettaq u bla ħsara għall-pattijiet ta' dan il-Ftehim tikkonkludi Ftehim ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar it-Taxxa ma' Malta;

BILLI il-Partijiet jixtiequ jkabbru u jiffaċilitaw il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-iskambju ta' informazzjoni li għandha x'taqsam mat-taxxi;

ISSA, GĦALDAQSTANT, il-Partijiet ftehmu li jikkonkludu dan il-Ftehim li ġej li fih obbligazzjonijiet minn naħa tal-Gvern ta' Malta u l-Gvern ta' Ġibiltà biss:

Artikolu 1

Skop tal-Ftehim

L-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet għandhom jipprovdu assistenza permezz tal-iskambju ta' informazzjoni li tkun prevedibbilment rilevanti għall-amministrazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet domestiċi tal-Partijiet dwar it-taxxi koperti b'dan il-Ftehim, inkluża informazzjoni li tkun prevedibbilment rilevanti biex tiġi stabbilita, stmata jew miġbura t-taxxa dwar persuni soġġetti għal dawk it-taxxi, jew l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' materja ta' taxxa dwar dawk il-persuni. Id-drittijiet u s-salvagwardji assikurati lil persuni bil-liġijiet jew bil-

prattika amministrattiva tal-Parti mitluba jibqgħu japplikaw sakemm dawn ma jkunux indebitament jipprevjenu jew idewwmu l-iskambju effettiv ta' informazzjoni.

Artikolu 2

Ġurisdizzjoni

Parti mitluba m'għandha ebda obbligu li tipprovdi xi informazzjoni li la jkollhom l-awtoritajiet tagħha lanqas ma tkun fil-pussess jew il-kontroll ta' persuni li jkunu jinsabu fil-ġurisdizzjoni territorjali tagħha.

Artikolu 3

Taxxi Koperti

1. Dan il-Ftehim għandu jkun japplika għal kull taxxa ta' kull xorta u deskrizzjoni fil-Partijiet Kontraenti.

2. Dan il-Ftehim għandu jkun japplika wkoll għal kull taxxa identika imposta wara d-data meta jiġi ffirmat il-Ftehim b'żieda ma' jew minflok it-taxxi eżistenti. Dan il-Ftehim għandu jkun japplika wkoll għal kull taxxa sostanzjalment bħal dawk imposti wara d-data meta jiġi ffirmat il-Ftehim b'żieda ma' jew minflok it-taxxi eżistenti jekk il-Partijiet ikunu hekk jaqblu. L-awtorità kompetenti ta' kull Parti għandha tavża lill-oħra b'kull bidla sostanzjali fil-liġijiet li jistgħu jolqtu l-obbligazzjonijiet ta' dik il-Parti konformement ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 4

Tifsiriet

1. F'dan il-Ftehim:

"Malta" tfisser ir-Repubblika ta' Malta u, meta tintuża f'sens ġeografiku, tfisser il-Gżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra tal-arċipelagu ta' Malta inklużi l-ibħra territorjali tagħhom, kif ukoll kull area ta' qiegħ il-baħar, tas-sottoswol tiegħu u tal-kolonna tal-ilma sovrajaċenti u li tinsab adjaċenti għall-ibħra territorjali, fejn Malta teżerċita d-drittijiet sovrani tagħha, il-ġurisdizzjoni, jew kontroll kif hemm fid-dritt internazzjonali u fil-liġi nazzjonali tagħha, inklużа l-leġislazzjoni tagħha li għandha x'taqsam mal-esplorazzjoni tal-blata kontinentali u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha;

"Ġibiltà" tfisser it-territorju ta' Ġibiltà;

"kumpannija" tfisser kull korp magħqud jew kull entità li tiġi ittrattata bħala korp magħqud għall-finijiet ta' taxxa;

"awtorità kompetenti" tfisser, fil-każ ta' Malta: il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu; fil-każ ta' Ġibiltà: il-Ministru tal-Finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

"liġijiet kriminali" tfisser il-liġijiet kriminali kollha msemmija bħala tali taħt il-liġi domestika, irrispettivament minn jekk dawn ikunux jinsabu fil-liġijiet tat-taxxa, fil-kodiċi kriminali jew f'liġijiet statutorji oħra;

"materja ta' taxxa kriminali" tfisser materja ta' taxxa li tinvolvi mġieba intenzjonali, sew qabel sew wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, li tkun tista' titmexxa prosekuzzjoni kontriha taħt il-liġijiet kriminali tal-Parti li tapplika;

"miżuri ta' ġbir ta' informazzjoni" tfisser liġijiet u proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji li bihom Parti tkun tista' tikseb u tipprovdi l-informazzjoni mitluba;

"informazzjoni" tfisser kull fatt, dikjarazzjoni jew *record* f'kull għamla li tkun;

"persuna" tfisser kull persuna fiżika, kumpannija jew kull korp jew grupp ta' persuni ieħor;

"klassi ta' ishma ewlenija" tfisser dik il-klassi jew dawk il-klassijiet ta' ishma li jkunu jirrappreżentaw il-maġġoranza ta' ġemgħa ta' voti u l-valur tal-kumpannija;

"kumpannija li tkun tidher fil-borża" tfisser kumpannija li jkollha l-klassi ta' ishma ewlenija tagħha elenkata f'borża rikonoxxuta sakemm l-ishma elenkati tagħha jkunu jistgħu jinxtraw jew jinbiegħu minnufih mill-pubbliku. Ishma jistgħu jinxtraw jew jinbiegħu "mill-pubbliku" jekk ix-xiri jew il-bejgħ ta' ishma ma jkunx impliċitament jew espliċitament ristrett għal xi grupp limitat ta' investituri;

"fond jew skema ta' investiment kollettiv" tfisser kull vettura ta' investiment miġmugħ, irrispettivament mill-forma legali tiegħu. "Fond jew skema pubbliċi ta' investiment kollettiv" tfisser kull fond jew skema ta' investiment kollettiv sakemm l-unitajiet, ishma jew interessi oħra fil-fond jew fl-iskema jistgħu jinxtraw, jinbiegħu jew jinfdew mingħajr ebda diffikultà mill-pubbliku. Unitajiet, ishma jew interessi oħra fil-fond jew fl-iskema jistgħu jinxtraw, jinbiegħu jew jinfdew mingħajr ebda diffikultà "mill-pubbliku" jekk ix-xiri, il-bejgħ jew il-fidwa ma jkunux impliċitament jew espliċitament ristretti għal grupp ta' investituri limitat;

"Parti mitluba" tfisser il-Parti f'dan il-Ftehim li tiġi mitluba tipprovdi jew li tkun ipprovdiet informazzjoni b'risposta għal talba;

"Parti li titlob" tfisser il-Parti f'dan il-Ftehim li tressaq talba għal jew li

tkun irċeviet informazzjoni mill-Parti mitluba;

"taxxa" tfisser kull taxxa koperta b'dan il-Ftehim.

2. Dwar l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim f'kull żmien minn Parti, kull fraži li ma tkunx hemm imfissra għandu jkollha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, it-tifsira li tkun tapplika f'dak iż-żmien taħt il-liġi ta' dik il-Parti, hekk li kull tifsira taħt il-liġijiet tat-taxxa applikabbli ta' dik il-Parti tkun tipprevali fuq xi tifsira mogħtija lill-fraži taħt liġijiet oħra ta' dik il-Parti.

Artikolu 5

Skambju ta' Informazzjoni meta ssir Talba

1. L-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba għandha tipprovdi, meta tintalab hekk tagħmel mill-Parti li titlob, informazzjoni għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 1. Dik l-informazzjoni għandha tiġi skambjata mingħajr ma jitqies jekk l-imġieba li tkun qed tiġi investigata tkunx tikkostitwixxi reat taħt il-liġijiet tal-Parti mitluba jekk dik l-imġieba tkun ġrat fil-Parti mitluba. L-awtorità kompetenti tal-Parti li titlob għandha biss tagħmel talba għal informazzjoni konformement ma' dan l-Artiklu meta ma tkunx tista' tikseb l-informazzjoni meħtieġa b'mezzi oħra, ħlief meta l-użu ta' dawk il-mezzi jkun jagħti lok għal diffikultà sproporzjonata.

2. Jekk l-informazzjoni fil-pussess tal-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba ma tkunx biżżejjed biex il-Parti tkun tista' tikkonforma ruħha mat-talba għal informazzjoni, il-Parti mitluba għandha tuża kull miżura ta' ġbir ta' informazzjoni li tista' tapplika biex tipprovdi lill-Parti li titlob l-informazzjoni mitluba, minkejja li l-Parti mitluba tista' ma tkunx, f'dak il-waqt, teħtieġ dik l-informazzjoni għall-finijiet tagħha tat-taxxa.

3. Jekk tiġi hekk speċifikatament mitluba mill-awtorità kompetenti tal-Parti li titlob, l-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba għandha tipprovdi informazzjoni taħt dan l-Artiklu, sakemm dan ikun permess li jsir taħt il-liġijiet domestiċi tagħha, fil-forma ta' depożizzjonijiet ta' xhieda u kopji awtentikati ta' *records* oriġinali.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha, għall-finijiet speċifikati fl-Artikolu 1 tal-Ftehim, ikollhom l-awtorità li jiksbu u jipprovdu meta hekk jintalbu:

(a) informazzjoni miżmuma mill-banek, istituzzjonijiet finanzjarji oħra, u minn kull persuna, inklużi *nominees* u *trustees*, li tkun tiffunzjona f'aġenzija jew f'xi kapaċità fiduċjarja;

(b) (i) informazzjoni li jkollha x'taqqsam mal-proprjetà ta' kumpanniji, soċjetajiet u persuni oħra inklużi, fil-limiti tal-Artikolu 2, informazzjoni dwar il-proprjetà fuq dawk il-persuni kollha f'katina ta' proprjetà;

(ii) fil-każ ta' *trusts*, informazzjoni fuq *settlors*, *trustees*, protetturi u benefiċjarji u, fil-każ ta' fondazzjonijiet, informazzjoni fuq il-fundaturi, membri tal-kunsill tal-fondazzjoni u benefiċjarji.

Iktar minn hekk, dan il-Ftehim ma joħloq ebda obbligazzjoni fuq xi Parti biex din tikseb jew tipprovdi informazzjoni dwar kumpanniji li jkunu jidhru fil-borża pubblikament jew fondi ta' investiment kollettiv jew skemi pubbliċi, kemm-il darba dik l-informazzjoni tkun tista' tinkiseb mingħajr ma jingħata lok għal diffikultajiet sproporzjonati.

5. L-awtorità kompetenti tal-Parti li titlob għandha tipprovdi din l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba meta tkun qegħda tagħmel talba għal informazzjoni taħt il-Ftehim biex turi r-rilevanza prevedibbli tal-informazzjoni għat-talba:

(a) l-identità tal-persuna li tkun qegħda tiġi eżaminata jew investigata;

(b) dikjarazzjoni tal-informazzjoni miksuba inklużi x-xorta tagħha u l-forma kif il-Parti li titlob tkun tixtieq tirċievi l-informazzjoni mingħand il-Parti mitluba;

(ċ) l-għan li jkollu x'jaqsam mat-taxxa li dwaru tkun qegħda tintalab dik l-informazzjoni;

(d) raġunijiet għaliex jinħaseb li l-informazzjoni mitluba tkun qegħda tinżamm għand il-Parti mitluba jew tkun fil-pussess jew il-kontroll ta' persuna fil-ġurisdizzjoni tal-Parti mitluba;

(e) sakemm dawn ikunu magħrufin, l-isem u l-indirizz ta' kull persuna maħsuba li jkollha pussess tal-informazzjoni mitluba;

(f) dikjarazzjoni li t-talba tkun konformi mal-liġi u mal-prattiċi amministrattivi tal-Parti li titlob, li jekk l-informazzjoni mitluba kienet tinkwadra fil-ġurisdizzjoni tal-Parti li titlob allura l-awtorità kompetenti tal-Parti li titlob kienet tkun tista' tikseb l-informazzjoni taħt il-liġijiet tal-Parti li titlob jew fil-kors normali tal-prattika amministrattiva u li tkun konformi ma' dan il-Ftehim;

(g) dikjarazzjoni li l-Parti li titlob tkun segwiet kull mezz disponibbli fit-territorju tagħha nnifisha biex tikseb l-informazzjoni, ħlief dik li tkun tagħti lok għal diffikultajiet sproporzjonati.

6. L-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba għandha tikkonferma li tkun irċeviet it-talba mal-awtorità kompetenti tal-Parti li titlob u għandha tagħmel mill-aħjar biex tgħaddi l-informazzjoni mitluba lill-Parti li titlob kemm jista' jkun malajr.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artikolu 6

Eżami tat-Taxxa Barra mill-Pajjiż

1. Wara li jingħata avviż raġonevoli, il-Parti li titlob tista' titlob li l-Parti mitluba tippermetti lil rappreżentanti tal-awtorità kompetenti tal-Parti li titlob jidħlu fit-territorju tal-Parti mitluba, daqstant daqskemm ikun permess taħt il-liġijiet domestiċi tagħha, biex jintervistaw lil individwi u jeżaminaw *records* bil-kunsens mogħti minn qabel bil-miktub tal-individwi jew tal-persuni l-oħra involuti. L-awtorità kompetenti tal-Parti li titlob għandhom javżaw lill-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba bid-data u l-post meta għandhom jiltaqgħu mal-individwi involuti.

2. Fuq talba tal-awtorità kompetenti tal-Parti li titlob, l-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba tista' tippermetti lil rappreżentanti tal-awtorità kompetenti tal-Parti li titlob li tkun preżenti għal eżami tat-taxxa fit-territorju tal-Parti mitluba.

3. Jekk it-talba msemmija fil-paragrafu 2 tintlaqa', l-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba li tkun qegħda tmexxi l-eżami għandha, kemm jista' jkun malajr, tavża lill-awtorità kompetenti tal-Parti li titlob bid-data u l-post tal-eżami, liema tkun l-awtorità jew min ikun l-uffiċjal appuntat biex jagħmel l-eżami u l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Parti mitluba biex tmexxi l-eżami. Kull deċiżjoni li jkollha x'taqsam mat-tmexxija tal-eżami tat-taxxa għandha ssir mill-Parti mitluba li tkun qegħda tmexxi l-eżami.

Artikolu 7

Possibbiltà li Talba tiġi Rifjutata

1. L-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba m'għandhiex tkun meħtieġa tikseb jew tipprovdi informazzjoni li l-Parti li titlob ma tkunx tista' tikseb taħt il-liġijiet tagħha stess minħabba f'finijiet ta' amministrazzjoni jew infurzar tal-liġijiet tat-taxxa tagħha stess. L-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba tista' tirrofta milli tassisti meta t-talba ma ssirx b'mod konformi ma' dan il-Ftehim.

2. Il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim m'għandhomx jimponu fuq Parti mitluba l-obbligazzjoni li tforni informazzjoni li tkun tiżvela xi sigriet tal-kummerċ, negozju, industrijali, kummerċjali jew xi sigriet professjonali jew proċess tal-kummerċ. Minkejja dak imsemmi qabel, informazzjoni tax-xorta msemmija fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 5 m'għandhiex tiġi ttrattata bħala sigriet bħal dak jew proċess tal-kummerċ sempliċement għaliex dan ikun konformi mal-kriterji li jinsabu f'dak il-paragrafu.

3. Il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim m'għandhomx jimponu fuq Parti l-obbligazzjoni li tikseb jew tipprovdi informazzjoni, li tkun tiżvela komunikazzjonijiet kunfidenzjali bejn klijent u avukat, prokuratur legali jew xi

rappreżentant legali ieħor permess meta dawk il-komunikazzjonijiet ikunu:

(a) saru għall-finijiet li jinkiseb jew jiġi provdut parir legali; jew

(b) saru għall-finijiet li jintużaw fi proċedimenti legali diġà istitwiti jew li jkunu qegħdin jiġu kontemplati li jiġu istitwiti.

4. Il-Parti mitluba tista' tirrofta talba għal informazzjoni jekk l-iżvelar tal-informazzjoni jkun imur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

5. Talba għal informazzjoni m'għandhiex tiġi rifjutata minħabba f'illi t-talba għat-taxxa li tagħti lok għat-talba tkun qegħda tiġi kontestata.

6. Il-Parti mitluba tista' tirrofta talba għal informazzjoni jekk l-informazzjoni tintalab mill-Parti li titlob biex tamministra jew tenforza xi provvediment tal-liġi tat-taxxa tal-Parti li titlob, jew xi ħtieġa li jkollha x'taqsam ma' dan, li tkun tiddiskrimina kontra xi ċittadin tal-Parti mitluba kif paragunat ma' ċittadin tal-Parti li titlob fl-istess ċirkostanzi.

Artikolu 8

Kunfidenzjalità

Kull informazzjoni li tiġi riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti ta' xi Parti għandha tiġi ttrattata bħala kunfidenzjali u tista' tiġi biss żvelata lil persuni jew awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) fil-ġurisdizzjoni tal-Parti li jkollha x'taqsam mal-istima jew il-kollezzjoni, infurzar jew prosekuzzjoni ta' jew id-deċiżjoni ta' appelli dwar, it-taxxi koperti b'dan il-Ftehim. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni għal dawk il-finijiet biss. Jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċedimenti tal-qorti pubbliċi jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji. L-informazzjoni ma tistax tiġi żvelata lil xi persuna jew entità jew awtorità oħra jew lil xi ġurisdizzjoni oħra mingħajr il-kunsens espress mogħti bil-miktub tal-Parti mitluba.

Artikolu 9

Spejjeż

Kemm-il darba l-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet ma jaqblux xort'oħra, spejjeż indiretti li jintefqu meta tiġi provduta xi assistenza għandhom jitħallsu mill-Parti mitluba, u spejjeż diretti li jintefqu meta tiġi provduta xi assistenza (inklużi spejjeż biex jitqabbdu konsulenti esterni dwar il-litigazzjoni jew li jkunu xort'oħra meħtieġa biex ikun hemm konformità mat-talba) għandhom jitħallsu mill-Parti li titlob. L-awtoritajiet kompetenti rispettivi għandhom minn żmien għal żmien jikkonsultaw dwar dan l-Artikolu, u partikolarment l-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba għandha tikkonsulta mal-awtorità kompetenti tal-Parti li titlob sa minn qabel jekk l-ispejjeż għall-forniment ta' informazzjoni dwar it-talba speċifika jkunu mistennija li jkunu sinifikanti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artikolu 10

Proċedura dwar Ftehim Reċiproku

1. Meta bejn il-Partijiet jqumu diffikultajiet jew dubji dwar l-implimentazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iħabirku biex jirrisolvu l-kwistjoni bi ftehim reċiproku.

2. B'żieda ma' kull ftehim imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet jistgħu jaqblu reċiprokament fuq il-proċeduri li għandhom jintużaw taħt l-Artikoli 5 u 6.

Artikolu 11

Implimentazzjoni ta' Leġislazzjoni

Il-Partijiet għandhom jgħaddu kull liġi meħtieġa biex jikkonformaw ruħhom ma' u jagħtu effett lill-pattijiet ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 12

Bidu fis-Seħħ

Dan il-Ftehim għandu jibda jseħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara li tiġi riċevuta l-aħħar notifikazzjoni li fiha kull Parti tkun innotifikat lill-parti l-oħra bil-miktub li tkun temmet il-proċeduri interni meħtieġa tagħha għall-bidu fis-seħħ. Mal-bidu fis-seħħ, dan għandu jkollu effett:

(a) dwar materja ta' taxxa kriminali, sa minn dik id-data; u

(b) dwar kull materja oħra koperta bl-Artikolu 1, sa minn dik id-data, imma biss dwar perjodi ta' taxxa li jibdew f'dik id-data jew wara, jew, meta ma jkunx hemm ebda perjodu ta' taxxa, kull talba ta' ħlas ta' taxxa li toriġina f'dik id-data jew wara.

Artikolu 13

Terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm jiġi terminat minn Parti jew l-oħra.

2. Parti waħda jew l-oħra tista' ttemm dan il-Ftehim billi tagħti avviż ta' terminazzjoni bil-miktub. Dik it-terminazzjoni ssir effettiva fl-ewwel jum tax-xahar li jaħbat wara li jiskadi perjodu ta' tliet xhur wara d-data meta jiġi riċevut l-avviż ta' terminazzjoni mill-Parti l-oħra.

3. Jekk il-Ftehim jiġi terminat il-Partijiet għandhom jibqgħu marbutin bil-

VERŻJONI ELETTRONIKA

provvedimenti tal-Artikolu 8 dwar kull informazzjoni miksuba taħt dan il-Ftehim.

B'XIEHDA TA' DAN il-persuni hawn taħt iffirmati kif debitament awtorizzati għaldaqstant mill-Partijiet rispettivi, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL f'Londra fl-24 ta' Jannar, 2012.

Joseph Zammit Tabona	Gilbert Licudi
GĦALL-GVERN TA' MALTA	GĦALL-GVERN TA' ĠIBILTÀ